26 ta' Jannar, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Carmelo Rosario Dimech *versus* Antonia Fenech et.

**Spoll — Mara — Komunjoni tal-Akkwisti — Illegittimità tal-Persuna — Servitù — Pussess — Vjolenza — Tieqa — Aperturi — Prova — Art. 572 tal-Kodiċi Ċivili — Art. 794 tal-Proċedura Ċivili**

*L-azzjoni ta' spoll hija esperibbli kontra l-awtur tal-ispoll, kif ukoll kontra l-kompliċi tiegħu, fosthom il-mandanti li jkunu nkarigawh. Għaldaqstant, mara miżżewġa li ġiet azzjonata għax hija u żewġha kkommettew spoll a dannu tal-attur, billi fil-fond tagħhom fetħu tieqa li tħares fuq il-fond tal-attur, ma tistax tallega li hi ma kellhiex tiġi azzjonata billi l-fond li fih infetħet it-tieqa jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti li l-kap tagħha huwa żewġha; għax dik il-mara tinsab azzjonata biex tirrispondi personalment tal-ispoll minnha magħmul, li huwa kunsid-*

*rat bħala delitt; u għalhekk hija tenuta personalment għall-aġir tagħha, u xejn ma tindaħal il-komutiżjoni tal-akkwisti.*

*Il-pussess fl-ispolja, bħala wieħed mill-elementi tal-azzjoni ta' spoll, ma għandux bżonn ikun ta' żmien twil; il-pussess jista' jkun qasir ħafna, u saħansitra momentanea.*

*Biex jirrikorri l-element tal-fatt materjali tal-ispoll, mhux meħtieġ, biex dan ikun vjolent, li jkun hemm il-"vis atrox" jew "le vie di fatto", imma biżżejjed li jkun hemm nuqqas ta' kunsens, espress jew taċitu, ta' min isofri l-ispoll.*

*Xejn ma jiswa li l-konvenut fl-azzjoni ta' spoll ikun ikkommetta l-fatt tal-ispoll biex jirrespinġi azzjoni nġusta tal-attur; għaliex, apparti li din hija pretensjoni li tirrigwarda materja petitorja, l-azzjoni ta' spoll hija ammissibbli anki f'każ ta' pussess illeġittimu; u jekk il-fatt inġust tal-attur ikun ilu ċertu żmien li ġie kommess, dik l-allegazzjoni xejn ma tiswa anki għaliex l-eċċezzjoni tal-"vim vi repellere" tista' ssehh biss meta l-azzjoni difensiva ssir "confestim", jew "in continenti", u mhux "ex intervallo".*

*L-azzjoni ta' spoll hija ammissibbli anki f'każ ta' ħwejjeġ inkorporali, bħal ma huma d-drittijiet kollha; u għalhekk dik l-azzjoni hija esperibbli anki f'każ ta' ftuħ ta' twieqi jew aperturi oħra li jagħtu fuq proprjetà ta' ħadd ieħor, b'mod li tista' tinħoloq servitù.*

*F'każ ta' spoll, il-liġi tippermetti biss eċċezzjonijiet dilatorji; u billi d-divjet tal-kumulu tal-petitorju mal-possessorju huwa ta' ordni pubbliku il-prinċipju mhux derogabbli lanqas bil-kunsens espress jew taċitu tal-partijiet; u konsegwentement il-Qorti ma tistax, f'ġudizzju possessorju, tieħu konjizzjoni ta' eċċezzjonijiet, trattati u diskussi mill-partijiet, li però huma ta' indoli petitorja. Għalhekk ukoll ma humiex ammissibbli fil-possessorju dokumenti u provi li jirriferixxu għal kwistjonijiet li huma ta' natura petitorja.*

Il-Qorti;—Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attur, wara li ppremetta illi, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti li jkun hemm bżonn, billi l-konvenuti kkommettew

"spoglio" a dannu tal-instanti, billi, in segwitu għall-kuntratt tad-diviżjoni tar-razett fil-limiti ta' Każal Għaxaq, Trieq San Fillipu, f'dawn l-aħħar ġranet fetħu fil-parti lilhom assenjata tieqa li tħares fuq il-parti assenjata lill-instanti, u ma għalquhielux malgrado l-oppożizzjoni tal-instanti; talab li l-konvenuti jiġu kundannati jgħalqu mill-ġdid bil-ġebel, skond is-sengħa, it-tieqa fuq imsemmija, fi żmien qasir li tagħtihom il-Qorti; taħt id-direzzjoni ta' perit arkitett li għal dan il-fini jiġi nominat mill-Qorti. Bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-ittra uffiċjali tas-27 ta' Lulju 1951, kontra l-konvenuti;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, li bija jissottomettu illi t-tieqa in kwistjoni ġiet magħluqa mill-attur meta dan kien inkwilin tal-fond proprjetà tal-eċċipjenti, u ġiet magħluqa vjolentement u klandestinament; u skond l-ewwel inċiż tal-art. 564 (Kod. Ċiv.), atti vjolenti jew klandestini ma jagħtux dritt li wieħed ikollu pussess; u kwindi l-attur ma ġiex spoljat, għax ma kellux pussess; u l-konvenuti mill-ewwel intimaw lill-attur biex jiftaħ it-tieqa;

Rat il-verbal tat-23 ta' Novembru 1956, fol. 57, fejn, "inter alia", il-konvenuta ssottomettiet illi hija ma għandhiex tkun fil-kawża, għaliex il-fond in kwistjoni, wara li saret id-diviżjoni kien inbiegħ, ġie rkuprat, u l-konvenut żewġha xtraħ minn għand ir-retraent, u għalhekk il-fond daħal fil-komunjoni tal-akkwisti, li tagħha hu kap il-konvenut. Fl-istess verbal l-attur ammetta illi, meta hu għalaq it-tieqa in kwistjoni, kien qiegħed jokkupa l-post b'titolu ta' kera, u baqa' fiħ anki wara li saret id-diviżjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi fin-nota tal-15 ta' Diċembru 1956 (fol. 66) il-konvenuta eċċepiet illi hija mhijiex persuna leġittima f'din il-

kawża, billi l-fond in kwistjoni ġie akkwistat mill-konvenut żewġha fil-kors taż-żwieġ, u għalhekk, skond l-art. 1362 (Kod. Ċiv.), jagħmel minnu żewġha biss, fil-konfront tat-terzi;

Illi, apparti jekk dan il-fatt jistax jew le jagħti lok għall-illeġittimità tal-persuna fis-sens tal-art. 781 (Proċ. Ċiv.), il-konvenuta ġiet mill-attur azzjonata billi hija u żewġha "ikkommettew spoll a dannu tal-instanti, billi...... f'dawn l-aħħar ġranet......fetħu...... tieqa li tħares fuq il-parti tar-razzett assenjata lill-instanti, u ma għalquhiex malgrado l-oppożizzjoni tal-instanti"; jiġifieri l-konvenuta tinsab azzjonata biex tirrispondi "personalment" tal-ispoll minnha magħmul, li huwa kunsidrat fil-liġi bħala delitt; u għalhekk hija tenuta "personalment" għall-aġir tagħha, u xejn ma tindaħal il-komnujoni tal-akkwisti (arg. art. 1372 (2) tal-Kodiċi Ċivili). Difatti, l-azzjoni ta' spoll hija esperibbli kontra l-awtur tal-ispoll, kif ukoll kontra l-kompliċi tiegħu, fosthom il-mandanti li jkunu inkarigawh (Kollez. XXXII-I-451; u XXVIII-I-188). Issa, ma jidherx li hu kontestat li t-tieqa ġiet miftuħa minn Carmelo Camilleri u Antonio Fenech b'inkariku tal-konvenuti, u, kif qalet il-konvenuta fix-xhieda tagħha, "b'ordni tagħna" (fol. 50). Konsegwentement, l-eċċezzjoni tal-konvenuta mhix sostenibbli;

Illi, fil-meritu, għandu jiġi eżaminat jekk jikkonkorrux l-elementi kollha tal-azzjoni ta' spoll privileġġjat, promossa mill-attur bl-odjerna ċitazzjoni;

Illi l-ewwel rekwiżit huwa l-pussess fl-attur tal-fond li fuqu nfetħet it-tieqa. F'dan ir-rigward mhemmx kwistjoni illi l-attur jippossjedi dak il-fond bis-saħħa ta' diviżjoni li saret fl-atti tan-Nutar Giovanni Vella fit-3 ta' Lulju 1937. Lanqas hemm kwistjoni illi minn xi żmien qabel ma l-attur ħareġ mill-porzjon assenjat lill-konvenuta dik it-tieqa kienet ġiet minnu magħluqa (fol. 24, 45 tergo, u 50 tal-proċess); jiġifieri l-attur għal ċertu żmien ippossjeda l-fond tiegħu mingħajr is-soġġezzjoni ta' dik it-tieqa, li allura kienet magħluqa; u dan hu biżżejjed biex jirrikorri l-element tal-pus-

sess rikjest mill-liġi. Iż-żmien ta' dan il-pussess ma hemmx bżonn li jkun twil; jista' jkun qasir ħafna, u saħansitra momentaneu (Kollez. XXXVII-II-642);

Illi t-tieni rekwiżit huwa l-fatt tal-ispoll ("spoliatum fuisse"). Hawn il-konvenuti eċċepew illi, anki jekk l-ispoll kien hemm, dan ma sarx vjolentement jew klandestinament kif irid l-art. 572 Kod. Ċiv. Veru illi t-tieqa reġgħet ġiet miftuħa fil-preżenza tal-attur, imma dan jelimina biss il-klandestinità, li hija mill-liġi kontemplata biss alternattivament. Veru wkoll illi, meta l-imsemmijin Carmelo Camilleri u Antonio Fenech talbu lill-mara tal-attur biex jerġgħu jiftħu t-tieqa, dina rrispondiet "ma nafx", jew li ma kienetx affari tagħha, u li l-attur ma tkellimx; iżda dan ma jwassalx għall-esklużjoni tal-element tal-vjolenza; difatti, biex din tirrikorri, mhux meħtieġ li jkun hemm il-"vis atrox" jew "le vie di fatto", kif jgħidu l-awturi, imma biżżejjed li ma jkunx hemm il-kunsens, espress jew taċitu, ta' min isofri l-ispoll;

Jinnota Belfiore, fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza taljana:- "Non basta ad eliminare la violenza all'altrui volontà un semplice preavviso, nè si può ritenere la mancanza di risposta come adesione, ma è necessario il consenso, ammenocchè questo non si possa fondatamente desumere, non occorrendo che il permesso sia ad ogni modo espresso. Ma non si può ammettere il consenso solo perchè chi si duole dello spoglio, essendo stato presente all'atto, non si sia opposto o non abbia protestato; perchè se la presenza fa venire meno la clandestinità, non può dirsi che non ricorra la 'vis' per il fatto del contegno passivo del possessore, giacchè più che interpretare il silenzio sempre come consenso, bisogna vedere se esso nel caso concreto suoni tale. "Non semper qui tacuit consentire videtur" (Digesto Italiano, Reintegrazione (azione di), §20);

F'dan is-sens hija wkoll il-ġurisprudenza tagħna (Kollez. XX-II-368; XXXIII-I-173);

Illi mill-provi rriżulta li l-attur, minn qabel, ġie avżat biex jerġa' jiftaħ it-tieqa, iżda ta' xejn; li l-Avukat Farrugia għall-konvenuti kitiblu biex jiftagħha, imma anki din id-darba ta' xejn; u għalkemm, meta reġgħet infetħet, huwa kien preżenti u ma tkellimx, l-għada jew il-pitgħada inkariga lill-avukat tiegħu biex jibgħat lill-konvenuti ittra uffiċjali u jġiegħlhom jerġgħu jgħalqu t-tieqa, u mbgħad ipproponа din il-kawża. Minn dan l-atteġġjament tal-attur il-Qorti ma tarax li huwa ta l-kunsens tiegħu għal dak il-ftuħ; u għalhekk ma ġiex nieqes l-element tal-vjolenza rikjest mill-liġi;

Illi xejn ma jiswa, kif jobbjettaw il-konvenuti, li l-attur kien għalaq it-tieqa mingħajr dritt; għaliex din hija kwistjoni li tidħol fil-petitorju;

Illi lanqas jiswa li l-konvenuti reġgħu fetħu t-tieqa biex jirrespinġu l-azzjoni inġusta tal-attur li kien fetagħha bla dritt; għaliex, apparti li din il-pretensjoni tirrigwarda materja petitorja, l-azzjoni ta' spoll hija ammissibbli anki f'każ ta' pussess illeġittimu, u l-eċċezzjoni tal-"vim vi repellere", opposta mill-konvenuti, tista' sseħħ biss meta l-azzjoni difensiva ssir "confestim" u "in continenti", u mhux "ex intervallo" (Kollez. XXIV-I-281); u, kif fuq ingħad, għadda ċertu żmien, minn tlieta sa sitt xhur, biex il-konvenuti reġgħu fetħu t-tieqa (fol. 24 u 50);

Illi, kwantu għar-rekiżit tax-xahrejn, preskritt mill-liġi għall-azzjoni ta' spoll, il-Qorti, fuq il-provi eżistenti, hija persważa illi dan l-element jinsab sostanzjat;

Illi hu ormaj indubitat li l-azzjoni ta' spoll hija ammissibbli anki f'każ ta' ħwejjeġ inkorporali, bħal ma huma d-drittijiet kollha, fosthom dritt ta' servitù (Kollez. XXXIII-II-137 u 208); u għalhekk dik l-azzjoni hija esperibbli anki f'każ ta' ftuħ ta' twieqi jew aperturi oħra li jagħtu fuq proprjetà ta' ħadd ieħor b'mod li tista' tinħoloq servitù

(Kollez. XXXIII-I-173). U dan huwa preċiżament il-meritu tal-kawża preżenti;

Illi l-kontendenti, barra minn xi provi orali, ġiebu anki xi dokumenti in riferenza għall-pretiża servitù tat-tieqa; iżda dawn il-provi mhumiex ammissibbli, minħabba li taħt iċ-ċirkustanzi mhux leċitu li jiġi delibat il-petitorju. Difatti, f'każ ta' spoll il-liġi tippermetti biss eċċezzjonijiet dilatorji (art. 572 Kod. Ċiv. u 794 Proċ. Ċiv.); u billi d-divjet tal-kumulu tal-petitorju mal-possessorju huwa ta' ordni pubbliku, *il-prinċipju mhux derogabbli lanqas bil-kunsens espress* jew taċitu tal-partijiet (Kollez. XXI-I-488; u App. Ċiv. 28.5.1956 in re "Cassar vs. Xuereb Montebello"); u konsegwentement il-Qorti ma tistax, f'ġudizzju possessorju, tieħu konjizzjoni ta' eċċezzjonijiet, trattati u diskussi mill-partijiet, li però huma ta' indoli petitorja (App. Ċiv. 7.12.1956 in re "Borg vs. Zammit");

Illi, għall-konsiderazzjonijiet fuq miġjuba, il-Qorti ma għandhiex bżonn tisma l-provi offerti, skond il-verbal tat-23 ta' Novembru 1956 (fol. 57);

Għal dawn il-motivi;

Tirrespinġi l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, u senjatament dik li l-konvenuta hija persuna illeġittima;

U tilqa' t-talba tal-attur, billi tikkundanna lill-konvenuti jgħalqu mill-ġdid bil-ġebel it-tieqa in kwistjoni; u dan fi żmien ħmistax il-ġurnata mill-lum, taħt id-direzzjoni tal-I.Ċ.A. Eric Mamo, għal dan l-iskop espressament inkarigat;

L-ispejjeż jitħallsu kollha mill-konvenuti.